**17 ta' Marzu, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Joseph Felice

*versus*

Anthony Sammut

## Appoġġ – Drenaġġ

*Kawża fejn l-attur fittex għal drittijiet ta' appoġġ u l-konvenut eċċepixxa li huwa kien għamel xogħlijiet ta' drenaġġ fuq inkarigu ta' l-attur. L-aspett interessanti fil-kawża huwa l-metodoloġija fir-raġonament tal-Qorti.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut appoġġja l-bini tiegħu magħruf bħala *'Hotel Gemini'*, fi Triq Ġ. Borg Olivier, Sliema mal-bini ta' l-attur, u għalhekk hu debitur ta' l-attur għall-imsemmi appoġġ, liema debitu jammonta għal elf u mitejn lira maltija (Lm1200) kif maħdum mill-perit Louis Naudi;

U peress illi l-konvenut, interpellat biex iħallas, anke uffiċjalment baqa' inadempjenti;

L-istess attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur is-somma ta' Lm1200 (elf u mitejn liri maltija) fuq imsemmija, bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-3 ta' April 1984, u l-mandati kawtelatorji ta' sekwestru u impediment tal-partenza pprezentati kontestwalment ma' din iċ-ċitazzjoni, kontra l-konvenut, oltre għall-imgħax;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

1. Illi huwa m'għandu jagħti xejn għad-dritt ta' l-appoġġ kif pretiż fiċ-ċitazzjoni, u għalhekk it-talba kontra tiegħu għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju jekk l-

esponent huwa debitur taħt xi titolu ieħor, huwa wkoll kreditur ta' l-attur kif hawn taħt jingħad;

3. Illi l-esponent m'għandu jbati ebda spejjeż billi l-attur qabad u għamel din il-kawża, u żewġ mandati, wara li l-esponent kien *issuġerixxa laqgħa biex jiġu diskussi* l-pretensjonijiet reċiproċi. F'daqqa l-attur għamel l-mandati, u l-esponent iddepożita fir-Reġistru s-somma ta' Lm253.80, il-bilanċ minnu dovut;

Rat illi l-konvenut għamel kontro-talba li biha wara li ppremetta *illi* huwa fuq *inkarigu ta' l-attur* u *in konnessjoni* max-xogħlijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, ħaffer trinka għad-drenaġġ f'Borg Olivier Street, u oħra f'*Windsor Terrace* Sliema, u bena pilastru fil-bir ta' l-attur biex jirrinforza l-ħnejja, kollox kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża tal-valur ta' Lm440. Jgħid l-attur għaliex l-istess Anthony Sammut talab li Joseph Felice jiġi kkundannat iħallas lill-konvenut is-somma ta' erba' mija u erbgħin lira (Lm440) jew kull somma verjuri li tiġi llikwidata waqt it-trattazzjoni tal-kawża, import ta' prezz ta' xogħol magħmul mill-esponent fuq inkarigu ta' l-attur, kif fuq ingħad. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat għat-talba tal-konvenut rikonvenzjonant li biha eċċepixxa:

1. Illi mhux dovut l-ammont mitlub mill-konvenut rikonvenzjonant, *stante* li t-trinka tad-drenaġġ ġo Borg Olivier Street, ma tħaffritx għall-attur u fuq l-inkarigu tiegħu, il-pilastru ma huwiex fil-bir ta' l-attur, mhux għall-interess tiegħu, u mhux ikkaġunat il-bżonn ta' dan il-pilastru minn azzjonijiet ta' l-attur u lanqas ma sar b'inkarigu tiegħu, u t-trinka f'*Windsor Terrace*

ma tiswiex l-ammont imsemmi mill-konvenut rikonvenjonant;

Rat id-digriet li bih ġie nnominat bħala Perit Tekniku l-A.I.C. Joseph Huntingford biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-kontendenti, u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat li l-imsemmi Perit ippreżenta u ħalef ir-relazzjoni tiegħu debitament fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 1992;

Eżaminat bir-reqqa din ir-relazzjoni, kif ukoll il-verbali tas-seduta miżmuma mill-istess Perit;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-imsemmi Perit Ġudizzjarju l-A.I.C. Huntingford irrelata testwalment hekk fil-parti konkludenti tar-rapport tiegħu: "Din il-kawża tittratta fuq talba ta' l-attur biex il-konvenut jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' Lm1200 (elf u mitejn lira) ħlas talli dan appoġġa mal-bini tiegħu, u t-tieni fuq talba tal-konvenut in rikonvenzjoni biex l-attur jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' Lm440 (erba' mija u erbgħin lira) billi fuq inkarigu tiegħu u in konnessjoni tax-xogħlijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, ħaffer trinka għad-drenaġġ f'Borg Olivier Street u oħra f'*Windsor Terrace*, Sliema u bena pilastru fil-bir ta' l-attur biex jirrinforza l-arkata;

Dwar il-kont Dok. GA maħruġ mill-Perit Godwin Aquilina, jiġi rrilevat, kif xehed l-istess perit, il-ħajt *de quo* ġie mkejjel minn dan il-perit fil-presenza ta' l-attur biss, u l-konvenut ilmenta illi hu ma ġiex ikkonsultat. Kieku ġie invitat il-konvenut għal dan il-proċess tal-kejl, kif normalment isir fil-prattika, kieku forsi kienu jiġu svitati dawn il-proċeduri;

Il-konvenut fix-xiehda tiegħu sostna li hu ma jaqbilx ma' dan il-kont peress li fil-ħajt tal-bitħa ta' wara, hu ma bena xejn fih, ħlief għall-gallarija ta' wara li sserraħ ma' dal-ħajt għall-żewġ piedi u nofs, u li fil-parti tal-bitħa interna, l-attur talla' biss fil-pjan terran;

John Formosa, il-kuntrattur ta' l-attur, ikkonferma li fejn il-ħajt imiss mal-bitħa interna ta' l-attur, dan bnewh għal xi disa' jew għaxar filati, mentri l-biċċa li nbniet fuq il-ħajt il-qadim kienet il-ħajt tal-bitħa tal-konvenut jew biċċa minnu;

Anke Deo Sammut, prodott mill-konvenut, ikkonferma li l-bitħa nterna ta' l-attur kienet għolja tmien (8) filati li fuqhom il-konvenut bena ħames sulari;

Dan kollu ġie kkonfermat minn Emanuel Zammit, il-bennej tal-konvenut;

Għalhekk il-kont Dok. GA għandu jiġi korrett kif ġej:

**Ħajt tas-Singlu:**

Sal-bitħa interna 28'5'' x 60 fil-1707.2 ft. fil.

| | | |
|---|---|---|
| Fejn isserraħ il-gallarija fuq wara | 2'6'' x 60 fil | – 156'' |
| Fejn il-bitħa | 14'4'' x 10 fil | – 143.3'' |
| | | 2004.5'' |
| | = 38.87 q.k. Lm17. | Lm660.79,0 |
| Qatran 42'9'' 12 cents | | Lm5.13,0 |
| | | Lm665.92,0 |
| Dritt professjonali 6% tal-perit diriġenti: | | 39.95,0 |
| | | Lm705.87,0 |

Issa trid tiġi eżaminata il-kontro-talba tal-konvenut;

L-attur, rikonvenzjonat eċċepa li t-trinka tad-drenaġġ ta' Borg Olivier Street ma tħaffritx għalih u fuq l-inkarigu tiegħu, li t-trinka f'*Windsor Terrace* ma tiswiex l-ammont imsemmi mill-konvenut rikonvenzjonat, u li l-pilastru ma huwiex fil-bir tiegħu, mhux għall-interess tiegħu, mhux ikkaġunat il-bżonn ta' dan il-pilastru minn azzjonijiet tiegħu, u lanqas ma sar b'inkarigu tiegħu;

Dwar it-trinka ta' Borg Olivier Street, l-attur sostna li l-konvenut għamilha għalih, mentri l-konvenut irrileva illi dina saret b'wisa' tali mod illi l-medda tiegħu u dik ta' l-attur jgħaddu minnha, paralleli;

Jidher għalhekk li din it-trinka serviet kemm lill-attur u kemm lill-konvenut;

Dwar it-trinka ta' *Windsor Terrace*, ma hemmx dubju li din serviet biss lill-attur;

Dwar il-pilastru, l-attur issottometta li hu ma kienx inkwetat bil-piż tal-bini tiegħu;

"illi l-bir ma nteressanix";

Il-konvenut mill-banda l-oħra, spjega pjottost fit-tul il-għala hu kellu jirrinforza l-arkata tal-bir, li kienet rieqda ċjoè mhux kumpass jew semi ċirkulari u allura tiftaħ iżjed, u esebixxa d-dokument AB fejn il-Figura 2 hu wera kif dan il-bir hu komuni għal erba' partijiet, fosthom l-attur;

Il-konvenut iddeskriva l-problema hekk:

"L-attur kompla jtella' fuq il-ħajt il-qadim ta' tmiem (8) filati li kien fuq ħorża, ħajt ieħor għoli ta' erba' (4) sulari, u kien il-Perit Gerada Azzopardi li ġibed l-attenzjoni tal-perit ta' l-attur dwar dan il-perikolu, u jiena l-attur konna preżenti. F'dan l-inkontru qbilna li kellu jsir inforz biex tiġi evitata xi diżgrazzja. L-attur inkarigani biex nieħu ħsieb dan ir-rinforz;

Il-pilastru ġie deskritt dettaljatament minn Emanuel Zammit, il-bennej tal-konvenut, hekk:

"Naf li l-bir fih il-ħnejjiet. Jien irrinforzajthom b'pilastru tal-ġebel bil-knaten imsalbin, bil-konkos fin-nofs u bil-vireg. Bnejt ħajt ukoll f'dan il-bir biex dan jinqasam u jkollna l-ilma għalina. Il-perit kien ordnalna biex nibnu dan il-pilastru, għax il-ħnejja kienet rieqda u kien hemm il-post ta' Ġużeppi xi ħames sulari";

L-esponenti jissottometti li dan il-pilastru kellu jsir, minħabba il-piż eċċessiv tal-bini ta' l-attur;

Fil-fehma ta' l-esponenti x-xogħol li għamel il-konvenut kif mitlub fil-kontro-talba għandu jkun valutat hekk:

a) Tħaffir ta' trinka f'Borg Olivier Street,
23' x 5'2 x 8' = 35.16 jardi kubi
Lm7 Lm246

b) Tħaffir ta' trinka f'*Windsor Terrace*
17' x 2'6 x 7 il-jardi kubi
Lm1 Lm77

ċ) Bini ta' pilastru bħala reinforz ta' l-arkata tal-bir, li naturalment kien jinkludi ċertu '*mano d'opera*' 60

Lm383

Peress li ġie ppruvat li t-trinka ta' Borg Olivier Street intużat miż-żewġ partijiet, minn dan l-ammont għandu jitnaqqas in-nofs tal-valur ta' din it-trinka ċjoè Lm123 u allura l-ammont dovut lill-konvenut għandu jkun hekk:

Lm(383 – 123) – Lm260;

Għaldaqstant l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur għandu jkun hekk:

| | |
|---|---|
| Xogħol esegwit mill-attur fil-ħajt diviżorju | Lm705.87,0 |
| Xogħol esegwit mill-konvenut | 260.00,0 |
| | Lm445.87,0 |

Fl-aħħarnett, l-esponenti jirrileva li l-attur fix-xiehda tiegħu tal-5 ta' Ġunju 1989 sostna li għat-trinek ta' Borg Olivier Street u *Windsor Terrace* ma kellu jtih xejn lill-attur, peress li hu kien tah il-*bricks* ta' fuq il-bejt u li dawn il-*bricks* iġiegħlhom ippattu għat-trinek. Peró l-attur ma pproduċiex il-kont tagħhom u lanqas ma ġab provi oħra dwar dan;

L-esponenti jħoss ukoll li dawn il-*bricks* ma jifformawx parti mill-mertu tal-kawża odjerna'';

Ikkunsidrat:

Illi l-kontendenti t-tnejn ikkritikaw ċerti aspetti tekniċi tal-perizja permezz ta' noti li ssottomettew wara r-rapport peritali. Dan li ġie sottomess wara r-rapport peritali. Dan li ġie sottomess ġie kkunsidrat debitament mill-Qorti però jidhrilha li għandha toqgħod fuq il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku għal dak li jirrigwarda l-kejl u l-konteġġi tar-rispettivi pretensjonijiet li għamlu l-kontendenti. Il-Perit Ġudizzjarju kien f'posizzjoni tajba li jiżen u jivvaluta l-provi li ressqu l-kontendenti waqt is-seduti miż-żewġ aċċessi li żammu din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tiddisturba dak li rrelata l-istess għaref perit fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi l-kontendenti t-tnejn ikkritikaw ċerti aspetti tekniċi tal-perizja permezz ta' noti li ssottomettew wara r-rapport peritali. Dan li ġie ssottomess ġie kkunsidrat debitament mill-Qorti, però jidhrilha li għandha toqgħod fuq il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku għal dak li jirrigwarda l-kejl u l-konteġġi tar-rispettivi pretensjonijiet li għamlu l-kontendenti. Il-Perit Ġudizzjarju kien

f'posizzjoni tajba li jiżen u jivvaluta l-provi li ressqu l-kontendenti waqt is-seduti miż-żewġ aċċessi li żammu din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tiddisturba dak li rrelata l-istess għaref perit fir-rigward;

Illi bl-ewwel eċċezzjoni, tiegħu l-konvenut sostna li l-azzjoni ta' l-attur hija insostenibbli. Hu ċċita s-sentenza mogħija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Frar 1983 fl-ismijiet 'Emanuel Mizzi *vs* Carmelo Debono';

Illi din il-Qorti jidhrilha li din l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' u dan għar-raġunijiet imsemmija minn din il-Qorti, kif ippresjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet 'Carmelo Fenech *vs* Joe Oliver Ruggier' liema sentenza ngħatat fil-15 ta' Ottubru 1990. A skans ta' ripetizzjonijiet inutili qiegħda ssir espressa riferenza għal din is-sentenza u l-motivi fiha kkontenuti;

Illi bit-tielet eċċezzjoni l-konvenut sostna li m'għandux ibati ebda spejjeż billi allega li l-attur minflok ma żamm laqgħa ssuġġerita mill-konvenut, l-attur qabad u għamel din il-kawża. Inoltre, il-konvenut iddepożita fir-Reġistru s-somma ta' Lm253.80,0 bħala l-bilanċ dovut lill-attur;

Illi l-attur stqarr li kien veru li l-konvenut issuġerixxa li ssir laqgħa biex tiġi diskussa l-pendenza bejniethom. Però l-attur stqarr li l-konvenut skada kull attentat sussegwenti ta' l-attur, biex issir il-laqgħa u baqa' ma ħallasx u għalhekk l-attur kien kostrett jagħmel iċ-ċitazzjoni;

Illi dwar id-depożitu ġudizzjarju din il-Qorti taħseb li ftit jista' jaffettwa l-kap ta' l-ispejjeż billi l-attur irriżulta li kellu dritt għall-somma ferm akbar minn dik iddepożitata u l-attur ma kellu

ebda obbligu li jaċċetta pagament parzjali;

Illi fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ jidher ġust li l-ispejjeż jitħallsu mill-partijiet b'mod li jkun rifless ir-rispettiv rebħ u telf;

Għal dawn il-motivi:

1. Tilqa' t-talba ta' l-atturi Felice limitatament għas-somma ta' Lm705.87 (seba' mija u ħames liri maltin u sebgħa u tmenin ċenteżmu) bl-imgħax dekorribbli mil-lum;

2. Tilqa' t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut Sammut limitatament għas-somma ta' Lm260 (mitejn u sitta u sittin lira maltija) bl-imgħax kummerċjali mil-lum;

Tordna l-ispejjeż tal-Perizja jinqasmù bin-nofs bejn il-kontendenti waqt li l-ispejjeż l-oħra konnessi mat-talba ta' l-attur jitħallsu kwantu għal 40% mill-attur u kwantu għal 60% mill-konvenut li l-ispejjeż konnessi mat-talba rikonvenzjonali jitħallsu kwantu għal 40% mill-konvenut Sammut u kwantu għal 60% mill-attur Felice.